

Brussell, 1 ta' Frar 2023
(OR. en)

5938/23
ADD 1

FIN 119

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 800 final / ANNEXES 1 to 3
Suġġett:	ANNESSI tad- DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2022 għall-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 800 final / ANNEXES 1 to 3.

Mehmuż: C(2023) 800 final / ANNEXES 1 to 3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2023
C(2023) 800 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESSI

tad-

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar ir-riporti mhux awtomatiċi ta' approprjazzjonijiet mill-2022 għall-2023

ANNESS I

IR-RIPORT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET MHUX DIFFERENZJATI

A. Ħarsa ġenerali

Nru	2022 Baġit	Intestatura	2023 Baġit	Regolament (UE, Euratom) 2018/1046	Ammont li għandu jiġi riportat (f'EUR)
1	08 02 05 12	Rimborż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa minn approprijazzjonijiet riportati b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja	08 02 05 12	Artikolu 12(2)(d)	485 247 362,13
		Intestatura 3.a - Total			485 247 362,13
		Total Finali			485 247 362,13

B. Ammont f'EUR li għandu jiġi riportat għal kull linja u r-raġunijiet

1 08 02 05 12 - Rimborż ta' pagamenti diretti lill-bdiewa mill-approprijazzjonijiet riportati b'rabta mad-dixxiplina finanzjarja

Approprijazzjoni awtorizzata fl-2022	485 247 362,13
Impenji li saru fil-31.12.2022	0,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	485 247 362,13
Riport	485 247 362,13

F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-approprijazzjonijiet mhux impenjati tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) taħt ġestjoni kondiviża jistgħu jiġu riportati għas-sena finanzjarja ta' wara, filwaqt li jiġi rispettata il-limitu ta' 2 % tal-approprijazzjonijiet ivvutati inizjali jew l-ammont tal-aġġustament tal-pagamenti diretti għad-dixxiplina finanzjarja tal-FAEG.

L-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi li r-rimborż għandu japplika biss għall-benefiċjarji finali f'dawk l-Istati Membri fejn id-dixxiplina finanzjarja kienet tapplika fis-sena finanzjarja preċedenti. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2344 jistabbilixxi l-ammonti li kull Stat Membru jrid jirrimborża lill-bdiewa u jiddetermina li n-nefqa f'rabta ma' dan ir-rimborż għandha tkun eliġibbli biss għall-finanzjament tal-Unjoni jekk l-ammonti jkunu tħallsu lill-benefiċjarji qabel is-16 ta' Ottubru 2023.

L-ammont ta' EUR 485 247 362 mill-partita 08 02 05 12 se jiġi riportat għall-baġit tal-2023 u jkun disponibbli għall-Istati Membri għar-rimborż.

ANNEX II

IR-RIPORT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' IMPENN

A. Ħarsa ġenerali

Nru	2022 Baġit	Intestatura	2023 Baġit	Regolament (UE, Euratom) 2018/1046	Ammont li għandu jiġi riportat (f'EUR)
1	05 02 01	FEŻR -- Nefqa operazzjonali	05 02 01	Artikolu 12(2)(a)	151 112 411,00
2	07 02 01	Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża -- Nefqa operazzjonali	07 02 01	Artikolu 12(2)(a)	8 054 788,00
		Intestatura 2.a - Total			159 167 199,00
3	08 04 01	FEMSA -- Nefqa operazzjonali b'ġestjoni kondiviża	08 04 01	Artikolu 12(2)(a)	2 953 109,00
		Intestatura 3.b - Total			2 953 109,00
4	10 02 01	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	10 02 01	Artikolu 12(2)(a)	7 783 246,00
5	11 02 01	Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi	11 02 01	Artikolu 12(2)(a)	7 877 112,00
		Intestatura 4 - Total			15 660 358,00
6	12 02 01	Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)	12 02 01	Artikolu 12(2)(a)	3 442 115,00
		Intestatura 5 - Total			3 442 115,00
		Total Finali			181 222 781,00

B. Ammont f'EUR li għandu jiġi riportat għal kull linja u r-raġunijiet

1 05 02 01 FEŻR --Nefqa operazzjonali

Approprijazzjoni awtorizzata fl-2022	37 001 143 957,00
Impenji li saru fil-31.12.2022	36 128 385 283,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	872 758 674,00
Riport	151 112 411,00

Minħabba l-adozzjoni tardiva tal-atti bażiċi, l-adozzjoni ta' xi wħud mill-programmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) ma setgħetx tiġi konkluża qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu, il-passi preparatorji kollha għall-adozzjoni ta' daww il-programmi kienu ġew konklużi, inkluż l-għeluq tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi mingħajr kummenti li jimblukaw. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 151 112 411 f'approprijazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2022 tal-programmi rilevanti jiġi riportat għall-2023.

Dan jikkonċerna preċiżament il-programmi li ġejjin: 2021TC16FFOR002, 2021TC16RFCB038, 2021TC16RFCB014, 2021TC16RFCB028, 2021TC16RFCB013, 2021TC16RFCB027, 2021BE16RFPR001, 2021FR16RFPR001 u 2021IT16FFTA001.

2 07 02 01 Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża -- Nefqa operazzjonali

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2022	15 850 515 986,00
Impenji li saru fil-31.12.2022	15 794 197 866,56
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	56 318 119,44
Riport	8 054 788,00

Minħabba l-adozzjoni tardiva tal-atti bażiċi, l-adozzjoni tal-programm tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) tal-Italja (2021IT16FFTA001) ma setgħetx tiġi konkluża qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu, il-passi preparatorji kollha għall-adozzjoni ta' dan il-programm, inkluż l-għeluq tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi, ġew finalizzati fl-2022. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 8 054 788 f'approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2022 tal-programm, jiġi riportat għall-2023.

3 08 04 01 FEMSA -- Nefqa operazzjonali b'ġestjoni kondiviża

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2022	1 027 934 489,00
Impenji li saru fil-31.12.2022	1 024 981 380,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	2 953 109,00
Riport	2 953 109,00

Minħabba l-adozzjoni tardiva tal-atti bażiċi, l-adozzjoni tal-programm tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura tas-Slovakkja (2021SK14MFPR001) ma setgħetx tiġi konkluża qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu, il-passi preparatorji kollha għall-adozzjoni ta' dan il-programm, inkluż l-għeluq tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi, ġew finalizzati fl-2022. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 2 953 109 f'approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2022 tal-programm, jiġi riportat għall-2023.

4 10 02 01 Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2022	1 396 689 703,44
Impenji li saru fil-31.12.2022	1 388 906 457,44
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	7 783 246,00
Riport	7 783 246,00

L-adozzjoni tal-programm tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) ta' Ċipru ma setgħetx titlesta sa tmiem l-2022 minħabba l-finalizzazzjoni tardiva u s-sottomissjoni mill-ġdid tal-programm mill-awtoritajiet Ċiprijotti biex jitqiesu l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Il-passi preparatorji kollha għall-adozzjoni ta' dan il-programm, inkluż l-għeluq tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi, ġew finalizzati fl-2022. Madankollu, l-adozzjoni tal-programm ma setgħetx tiġi konkluża qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 7 783 246 f'approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2022 tal-programm, jiġi riportat għall-2023.

5 11 02 01 Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2022	755 072 428,00
Impenji li saru fil-31.12.2022	747 195 316,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	7 877 112,00
Riport	7 877 112,00

L-adozzjoni tal-programm tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) ta' Ċipru ma setgħetx titlesta sa tmiem l-2022 minħabba l-finalizzazzjoni tardiva u s-sottomissjoni mill-ġdid tal-programm mill-awtoritajiet Ċiprijotti biex jitqiesu l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Il-passi preparatorji kollha għall-adozzjoni ta' dan il-programm, inkluż l-għeluq tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi, ġew finalizzati fl-2022. Madankollu, l-adozzjoni tal-programm ma setgħetx tiġi konkluża qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 7 877 112 f'approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2022 tal-programm, jiġi riportat għall-2023.

6 12 02 01 Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)

Approprjazzjoni awtorizzata fl-2022	252 623 754,00
Impenji li saru fil-31.12.2022	249 181 639,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	3 442 115,00
Riport	3 442 115,00

L-adozzjoni tal-programm tal-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) ta' Ċipru ma setgħetx titlesta sa tmiem l-2022 minħabba l-finalizzazzjoni tardiva u s-sottomissjoni mill-ġdid tal-programm mill-awtoritajiet Ċiprijotti biex jitqiesu l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Il-passi preparatorji kollha għall-adozzjoni ta' dan il-programm, inkluż l-għeluq tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi, ġew finalizzati fl-2022. Madankollu, l-adozzjoni tal-programm ma setgħetx tiġi konkluża qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 3 442 115 f'approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2022 tal-programm, jiġi riportat għall-2023.

ANNEX III

IR-RIPORT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT

A. Ħarsa ġenerali

Nru	2022 Baġit	Intestatura	2023 Baġit	Regolament (UE, Euratom) 2018/1046	Ammont li għandu jiġi riportat (f'EUR)
1	16 02 01 01	Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)	16 02 01 01	Artikolu 12(2)(c)	700 348 683,00
		Intestatura S - Total			700 348 683,00
		Total Finali			700 348 683,00

B. Ammont f'EUR li għandu jiġi riportat għal kull linja u r-raġunijiet

1 16 02 01 01 – Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)

Approprijazzjoni awtorizzata fl-2022	718 482 761,00
Pagamenti li saru fil-31.12.2022	18 134 078,00
Ammont mhux użat fil-31.12.2022	700 348 683,00
Riport	700 348 683,00

Skont id-Deċiżjoni (UE) 2023/68 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022, ġie mobilizzat ammont ta' EUR 700 348 683 taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja u lill-Belġju fir-rigward tad-diżastri naturali li seħħew fis-sajf tal-2021. Il-Kummissjoni ma setgħetx tiżborża dak l-ammont minħabba li ż-żewġ Stati Membri benefiċjarji ma kinux ipprovdew l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond qabel tmiem l-2022. L-approprijazzjonijiet ta' impenn mhux użati ta' EUR 700 348 683 jiġu riportati awtomatikament għall-2023, f'konformità mal-Artikolu 12(4)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Għalhekk, l-ammont korrispondenti f'approprijazzjonijiet ta' pagament huwa meħtieġ fl-2023 biex jiġi onorat l-appoġġ finanzjarju lill-Ġermanja u lill-Belġju. Peress li ma hemm l-ebda approprijazzjonijiet ta' pagament korrispondenti disponibbli fil-linja baġitarja rilevanti għall-2023, u f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, l-ammont ta' EUR 700 348 683 f'approprijazzjonijiet ta' pagament għandu jiġi riportat għall-2023.